# Il-qanpiena 'ANTONIA'

Kien Ottubru tal-1938 meta waqt il-mota ta' nhar ta' Ħamis il-qanpiena l-qadima fil-kampnar tan-naħa tal-lemin, fejn hemm il-kbira, ixxaqqet u bdiet iżżarżar. Malli spiċċat il-gwerra Dun Gwann Palmier, il-prokuratur ta' dak iż-żmien ħaseb biex iġib qanpiena minflok dik li xxaqqet.

Kien għalhekk li fl-1946 inġabet qanpiena ġdida mingħand id-Ditta John Taylor ta' l-Ingilterra.

Kien is-Sibt lejlet Ħadd il-Palm meta wara li ġiet imbierka mill-Isqof Emanuel Galea il-qanpiena ANTONIA bdiet tiela' biex issib postha fil-kampnar.

Interessanti li ngħidu li membru attiv u bandist mill-każin tagħna, Gaspare Grech, kien tela' wkoll mal-qanpiena. Il-parrinu kien il-Kavallier Anglu Grima.





L-istess Gaspare Grech jirrakkonta kif mal-gwarniċun tal-kampnar kienu twaħħlu buzzelli (bħal parank twil) li minnhom niżlu ħbula ta' l-azzar.

Dawn il-ħbula għaddew minn tarjola li kienet imqabbda ma' l-art sabiex il-kwantità kbira ta'nies u tfal bdew jiġbdu sa ma waslu kważi sa l-għassa tal-pulizija.

Hekk kif il-qanpiena waslet fuq, is-Sur Gaspare Grech flimkien ma' ħaddiema oħra ippustjaw il-qanpiena f'postha. Kienu t-tlieta ta' wara nofsinhar. Il-qanpiena ANTONIA daqqet għal-ewwel darba nhar Ħadd il-Palm fil-mota tal-quddiesa kantata.